**425. L-Onor. Beppe Fenech Adami jipproponi:**

Peress li fis-seduta 454 tat-23 ta' Novembru 2016, il-Ministru Owen Bonnici qajjem Ksur ta' Privileġġ kontra l-Onor. Jason Azzopardi fuq messaġġ li dan talaħħar kiteb fuq il-*media* soċjali, u ċjoè fuq Twitter, konsistenti fil-kliem *"Onor. Owen Bonnici nqabad jigdeb lil Parlament"* b'referenza għal xhieda li l-Onor. Ministru Bonnici ta quddiem il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi;

Peress li fis-seduta numru 455 tat-28 ta' Novembru 2016 l-iSpeaker ta *Ruling* dwar dan li l-konklużjoni tiegħu kienet li l-Onor. Jason Azzopardi ġie mitlub jirtira dan il-kliem li kien kiteb fil-pubbliku fuq Twitter;

Peress li fis-seduta numru 457 tat-30 ta' Novembru 2016 l-Onor. Jason Azzopardi ddikjara li għad li kien jixtieq li kien f'pożizzjoni li jirtira tali kliem, dan ma setax jagħmlu għax kien il-verità inkonfutabbli u b'konsegwenza t'hekk is-Sedja tat Ruling fejn sabet lil Onor. Jason Azzopardi ħati fuq bażi *prima facie* ta' ksur ta' privileġġ fit-termini tal-artikolu 11 tal-Kap. 113 tal-Liġijiet ta' Malta;

Peress li dak li kiteb u tkellem dwaru l-Onor. Jason Azzopardi, u l-konklużjoni politika li huwa wasal għaliha, dwar ix-xhieda tal-Ministru Bonnici quddiem ilPAC tas-16 ta' Marzu 2015, huwa eżerċizzju raġjonevoli tad-dritt fundamentali tal-libertà tal-espressjoni politika u konklużjoni naturali tal-verità dwar ħlas ta' *commissions* lid-ditta Henley and Partners, u qatt ma nstema' li f'soċjetà demokratika tintuża istituzzjoni nazzjonali, bħalma huwa l-Parlament, biex tiġi ċċensurata l-verità;

Peress li r-*Ruling* tat-28 ta' Novembru 2016 hu msejjes fuq konsiderazzjonijiet altament illoġiċi u li jmeri s-sewwa tax-xhieda magħrufa f'eżerċizzju ta' raġunar inkwiżitorjali ta' min ried isib ħtija akkost ta' kollox u intisġu argumenti b'lura biex tiġi ġustifikata dik il-konklużjoni ġa deċiża, bħal meta s-Sedja ittantat tissana dak li kien qal l-Onor. Ministru Bonnici quddiem il-PAC fis-16 ta' Marzu 2015 b'dak li suppost qal l-istess Ministru tliet xhur wara (anke jekk fil-fatt ma qalx dak li fehmet is-Sedja), u ċjoè fit-22 ta' Ġunju 2015, bħal donnu għas-Sedja ma kienx importanti jekk ma ntqalitx il-verità fis-16 ta' Marzu 2015 quddiem il-PAC basta, skont hi, intqalet il-verità (*sic*) fit-22 ta' Ġunju 2015;

Peress li r-*Ruling* tat-30 ta' Novembru 2016, in segwitu ta' dak tat-28 ta' Novembru 2016, hu preċedent perikoluż immens fejn is-Sedja ħatfet is-setgħa li tiddefendi privileġġi anke fuq Twitter lil hinn mill-bini tal-Parlament u tiċċensura kliem Membru Parlamentari li ntqal barra l-Kamra fil-kors taddjalettika politika u b'hekk minflok is-Sedja kienet, kif suppost tkun, l-ewwel persuna li tiddefendi d-dritt tal-libertà tal-espressjoni raġjonevoli tal-Membri Parlamentari fid-dominju pubbliku, saret argużin u deffiena tal-istess libertà li mingħajrha ħidmet Deputat Parlamentari ma tfisser xejn;

U peress li l-Ordni Permanenti 62 jipprovdi li kull membru jkun jista' b'mozzjoni magħmula wara avviż u fi żmien jumejn mill-għoti ta' dik iddeċiżjoni, jagħmel mozzjoni li dik id-deċiżjoni tal-iSpeaker tiġi riveduta u li jsir rapport fuqha mill-Kamra u li dak ir-rapport għandu jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra;

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li r-*Ruling* tal-iSpeaker li ngħata fis-seduta numru 457 tal-Erbgha, 30 ta' Novembru 2016 dwar każ ta' ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor. Ministru Bonnici għandu jiġi rivedut u li jsir rapport fuqu mill-Kamra u li dan ir-rapport jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra.

02.12.2016

**Il-mozzjoni m'għaddietx fis-Seduta 465 tal-Erbgħa 21 ta' Diċembru 2016.**